

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 31.8.2010
KUMM(2010) 446 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn
il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba
(applikazzjoni EGF/2010/011 NL/NXP Semikondutturi mill-Pajjiżi l-Baxxi)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Pajjiżi l-Baxxi baġtu l-applikazzjoni EGF/2010/011 NL/NXP Semikondutturi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara li nġhataw is-sensji f'NXP Semiconductors Netherlands BV (minn hawn 'il quddiem 'NXP') fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Wara eżaminazzjoni bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ġew sodisfatti.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' referenza tal-EGF	EGF/2010/011
Stat Membru	Il-Pajjiżi l-Baxxi
Artikolu 2	(a)
Intrapriża kkonċernata	NXP Semiconductors Netherlands BV
Fornituri u operatori aktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni	Xejn
Perjodu ta' referenza	1/10/2009 sal-31/1/2010
Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	1/10/2009
Data tal-applikazzjoni	26/3/2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	590
Sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza	0
Ħaddiema li nġhataw is-sensja li se jingħataw l-appoġġ	512
Servizzi personalizzati: baġit f'EUR	2 672 395
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF ³ : baġit f'EUR	111 350
% tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF	4 %
Baġit totali f'EUR	2 783 745
Kontribuzzjoni tal-EGF f'EUR (65 %)	1 809 434

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fis-26 ta' Marzu 2010 u kienet supplimentata minn taġhrif addizzjonali sat-3 ta' Ġunju 2010.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406 tat-30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jitħaddem l-EGF kif stipulat fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u ġiet ippreżentata sal-iskadenza ta' 10 ġimgħat kif stipulat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali fil-mudelli kummerċjali madwar id-dinja minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali fil-mudelli kummerċjali madwar id-dinja minħabba l-globalizzazzjoni, il-Pajjiżi Baxxi jargumentaw li s-suq għas-semikondutturi⁴ huwa suq globali kompetittiv ħafna b'numru limitat ta' parteċipanti kbar. L-akbar 20 manifatturi fl-2009 irrappreżentaw 63 % tas-suq globali⁵. Dan jimponi pressjoni kontinwa fuq il-manifatturi biex inaqqsu l-ispejjeż. Il-Pajjiżi l-Baxxi jirreferu għas-salarji ħafna iktar baxxi tal-manifatturi tas-semikondutturi fl-Asja. L-ispejjeż tas-salarji diretti fil-Pajjiżi l-Baxxi huma 54 % oġhla minn dawk fis-Singapor, per eżempju, u għall-ispejjeż tas-salarji indiretti d-differenza hija ta' 47 %. Fuq il-bażi ta' dejta dwar il-bejgħ annwali pprovduta mill-Korporazzjoni iSuppli, is-sehem fis-suq tal-Ewropa naqas minn 14,9 % fl-2005 għal 11,2 % fl-2009, filwaqt li għall-ikbar parteċipanti fl-Asja żied minn 39,7 % fl-2005 għal 43,3 % fl-2009. Ir-rata ta' skambju EUR/USD ħoloq żvantaġġ komparattiv ieħor għall-manifatturi Ewropej, peress li l-ispejjeż jitħallsu b'EUR u l-prodotti jinbiegħu b'USD.
4. Il-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw ukoll li l-impatt tat-tibdiliet fil-kummerċ madwar id-dinja ġiet aggravat iktar permezz tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, peress li s-suq għas-semikondutturi huwa sensitiv ħafna għal tibdiliet fit-tkabbir ekonomiku. F'April 2009 id-dħul mill-bejgħ dinji għas-semikondutti naqas b'25,1 % kkumparat ma' April 2008.

Indikazzjoni tan-numru ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

5. Il-Pajjiżi l-Baxxi ressqu din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul il-perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-fornituri tagħha u mill-produtturi aktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni.
6. L-applikazzjoni tiddikjara 590 sensja f'intrapriża waħda – NXP – matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Ottubru 2009 sal-31 ta' Jannar 2010. Minn dawn is-sensji, 473 ġew ikkalkolati skont l-ewwel inċiż u 117 skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

7. L-awtoritajiet Olandiżi jargumentaw li, minkejja l-fatt li NXP matul is-snin riċenti għamlet sforzi sinifikanti biex tnaqqas l-ispejjeż tagħha tal-manifattura sabiex tibqa' kompetittiva fuq is-suq globali, ma setax jiġi previst li l-manifatturi tas-

⁴ Semikonduttur huwa sustanza b'konduttività elettrika intermedjarja bejn dik ta' iżolatur u konduttur. Huwa komponent bażiku ta' diversi tipi ta' elementi taċ-ċirkwit elettroniku użati fit-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet, il-kontroll u s-sejbien u fil-komputers.

⁵ Fuq bażi tar-ranking stabbilit fuq bażi annwali mill-Korporazzjoni iSuppli.

semikondutturi fl-Asja kienu se jtejbju l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom b'mod tant sinifikanti. It-tnaqqis fl-ispejjeż minn NXP ma kienx biżżejjed biex jikkumpensa l-vantaġġ komparattiv offrut minn salarji baxxi fl-Asja. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali tikkostitwixxi fattur addizzjonali li ma setax ikun previst.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li qed jagħtu s-sensji u l-ħaddiema magħżula biex jingħataw l-għajnuna

8. L-applikazzjoni tiddikjara total ta' 590 sensja f'intrapriża waħda NXP, li minnhom 512 intgħażlu biex jirċievu l-għajnuna. Il-ħaddiema li jifdal huma mistennija li jsibu impjieg fuq l-inizjattiva tagħhom mingħajr ma jeħtieġu assistenza mill-EGF, jew li jitolqu mis-suq tax-xogħol.

9. Ir-rendikont tal-ħaddiema li ntagħżlu għall-assistenza huwa kif ġej :

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	425	83
Nisa	87	17
Ċittadini tal-UE	486	95
Mhux ċittadini tal-UE	26	5
15 sa 24 sena	1	> 0
25 sa 54 sena	450	88
55 sa 64 sena	61	12

Hemm seba' ħaddiema (1,3 %) li għandhom problema tas-saħħa fit-tul jew diżabilità inkluż fil-kategoriji ta' hawn fuq.

10. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' kategoriji professjonali, ir-rendikont huwa kif ġej :

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Maniġer	10	2
Professjonist	20	4
Tekniċi	24	4
Ħaddiema li jagħtu appoġġ klerikali	14	3
Ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ	4	1
Operaturi u muntaturi tal-impjanti u l-magni	440	86

11. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Pajjiżi Baxxi kkonfermaw li għiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika, matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, għall-aċċess għalih.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

12. NXP hija allokata f'Nijmegen fil-provinċja ta' Gelderland (NUTS II reġjun NL22) u f'Eindhoven fil-provinċja ta' Noord Brabant (NUTS II reġjun NL41). It-territorju li huwa l-iktar ikkonċernat mis-sensji huwa Nijmegen u l-madwar tiegħu peress li ħafna mis-sensji seħħew fis-sit ta' produzzjoni ta' NXP f'Nijmegen.

13. L-awtorità responsabbli hija l-Ministeru Olandiż tal-Affarijiet Soċjali u tal-Impjieg. NXP, permezz taċ-ċentru tal-mobilità tagħha msejjaħ 'NXT Job', hija delegata biex twettaq il-miżuri. Partijiet oħra interessati involuti huma l-muniċipalitajiet ta' Nijmegen u Eindhoven, it-trejdjunjins FNV ('Federale Nederlandse Vakbeweging') Bondgenoten, CNV ('Christelijk Nationaal Vakverbond in Nederland'),

Dienstenbond, De Unie u VHPP ('Belangen Vereniging Hoger opgeleid Personeel'), l-uffiċċji f'Nijmegen u Eindhoven tal-organizzazzjoni pubblika responsabbli għall-ħlas tal-konċessjonijiet UVW ('Uitvoeringsinstituut WerknemersVerzekeringen') Werkbedrijf, iċ-ċentri tat-taħriġ reġjonali f'Nijmegen u Eindhoven, Hoge School Arnhem Nijmegen, Avans Hogescholen, Technical University Eindhoven, l-organizzazzjoni Tagħlim u l-Ħajja tax-Xogħol Nijmegen ('Leren en Werken Nijmegen').

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjegati lokali, reġjonali jew nazzjonali

14. Mill-590 sensji, 526 seħħew f'Nijmegen u 76 f'Eindhoven. L-awtoritajiet Olandiżi jargumentaw li s-sensji f'Nijmegen se jkollhom impatt lokali sinifikanti peress li NXP hija l-ikbar entità industrijali li tħaddem f'din iż-żona. Hija pprovdiet xogħlijiet lil ammont kbir ta' impjegati li għandhom ftit ħilet, li ħadmu għal għexieren ta' snin f'din l-intrapriża. In-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol f'intrapriżi simili fir-reġjun se jkun partikolarment problematiku għal ħaddiema b'esperjenza speċjalizzata ħafna fil-manifattura. Skont il-Pajjiżi l-Baxxi s-sitwazzjoni f'Eindhoven, fejn is-sensji prinċipalment jikkonċernaw l-attivitajiet R&D hija daqxejn differenti. L-impjegati tal-NXP li ngħataw is-sensja għandhom esperjenza, iżda dan huwa rilevanti biss f'segment limitat tas-suq, u intrapriżi R&D oħra fir-reġjun qed isofru minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja.
15. Bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-awtoritajiet Olandiżi jipprevedu li s-sitwazzjoni ekonomika fil-provinċji kollha fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2010 se tkun agħar meta kkumparata mas-snin ta' qabel il-kriżi. Għalhekk, is-sensji fl-NXP għenu biss biex jaggravaw is-sitwazzjoni diġà eżistenti.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u rendikont tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tal-pakkett mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

16. It-tipi ta' miżuri li ġejjin huma proposti, li flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati maħsub biex jerġa' jintegra lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Dawn il-miżuri se jiġu provduti permezz ta' NXT Job, iċ-ċentru ta' mobilità maħluq minn NXP.
 - Fażi tal-bidu u akkompanjament minn impjieg għal impjieg: Dan ikopri laqgħat kollettivi ta' informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli, id-dħul u r-reġistrazzjoni tal-ħaddiema mkeċċija, il-ħatra ta' konsulent ta' assistenza individwali disponibbli matul ir-rijintegrazzjoni tagħhom, l-identifikazzjoni tal-iktar tipi ta' miżuri adattati. Dan jinkludi wkoll akkompanjament minn impjieg għall-ieħor li huwa magħmul minn programmi magħmulin skont il-każ inkluż monitoraġġ, l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-karriera u l-vokazzjoni, taħriġ rigward l-applikazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni dwar postijiet tal-impjieg battala kif ukoll l-ikkuntattjar attiv ta' entitajiet ġodda li potenzjalment jibdeu iħaddmu.
 - Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: Dan ikopri taħriġ vokazzjonali. Il-meded ta' taħriġ individwali huma bbażati fuq domanda tas-suq tax-xogħol u huma identifikati b'ko-operazzjoni mill-qrib bejn impjegati mkeċċija, organizzazzjonijiet ta'

imsieħba soċjali (organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati) kif ukoll partijiet interessati fir-reġjun ikkonċernat.

- Rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti: Dan ikopri l-evalwazzjoni ta' għarfien preċedenti u esperjenza ta' kull ħaddiem individwali kif ukoll l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn hu meħtieġ iktar taħriġ.

17. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija nkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' amministrazzjoni u kontroll kif ukoll tagħrif u pubbliċità.

18. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Olandiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Olandiżi jistmaw li l-ispiża totali ta' dawn is-servizzi hija ta' EUR 2 672 395 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 111 350 (=4 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 1 809 434 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
<u>Fażi tal-bidu u akkompanjament minn impjieg għal impjieg</u> (<i>startfase en begeleiding 'van werk naar werk'</i>)	512	3 583	1 834 496
Taħriġ (<i>scholing</i>) (221	3 453	763 113
Rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti (<i>Erkenning van eerder Verworven Competenties – EVC</i>)	61	1 226	74 786
Subtotal tas-servizzi personalizzati			2 672 395
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Amministrazzjoni			27 837
Tagħrif u pubbliċità			27 837
Attivitajiet ta' kontroll			55 675
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF			111 350 *
Stima tal-ispejjeż kollha			2 783 745

Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)			1 809 434
--	--	--	------------------

* *It-total ma jaqbilx minhabba t-tqarrib.*

19. Il-Pajjiżi Baxxi jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq huma kumplementari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari ma' proġett speċifiku ta' taħriġ tal-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF)⁶ għal impjegati f'intrapriżi involuti fil-manifattura ta' semikondutturi, li l-ħin tiegħu jaħbat parzjalment mal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-EGF. L-awtorità tal-amministrazzjoni tal-EGF, li hija wkoll l-awtorità tal-amministrazzjoni għall-ESF, poġġiet fis-seħħ il-proċeduri ta' kontroll meħtieġa sabiex telimina kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju.

Data(Dati) meta nb dew jew huwa maħsub li jinb dew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati

20. Il-Pajjiżi l-Baxxi bdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost għal kofinanzjament permezz tal-EGF, fl-1 ta' Ottubru 2009. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kull għajjnuna li tista' tingħata mill-EGF.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

21. L-imsieħba soċjali (FNV Bondgenoten, CNV Bedrijvenbond, De Unie en VHPP) kienu involuti fid-disinn u l-approvazzjoni tal-pakkett ta' miżuri. Ir-responsabilità għaċ-ċentru ta' mobilità hija ta' min iħaddem, jiġifieri l-NXP. L-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins huma rappreżentati fi grupp ta' tmexxija, li huwa responsabbli biex jissorvelja l-progress tal-miżuri, kif ukoll f'kumitat ta' akkompanjament, li huwa responsabbli biex jissorvelja l-metodu ta' ħidma tal-NXT Job u l-implimentazzjoni tal-pjan soċjali.
22. L-awtoritajiet Olandiżi kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik Komunitarja li tikkonċerna sensji kollettivi.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi

23. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Olandiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabilità ta' kumpanniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
 - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpanniji jew setturi;

⁶ 2009ESFN451 Stichting Opleidings- en ontwikkelingsfonds voor semiconductor productiebedrijven.

- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji.

Is-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll

24. Il-Pajjiżi Baxxi nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji se jkunu ġestiti u kkontrollati mill-istess entitajiet li jamministraw u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF) fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-Aġenzija għall-Affarjiet Soċjali u l-Impjieġ ('Agentschap SZW') għandha tkun l-entità intermedjarja għall-awtorità tal-amministrazzjoni. Barraminnekk, peress li l-pakkett koordinat ta' miżuri personalizzati għandu jitwettaq mill-NXP, ġie konkluż patt fil-5 ta' Marzu 2010 bejn il-Ministeru għall-Affarjiet Soċjali u NXP li jstabbilixxi l-obbligi ta' NXP fir-rigward tal-organizzazzjoni u n-natura verifikabbli tar-rekords amministrativi rilevanti.

Finanzjament

25. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 1 809 434, li tirrappreżenta 65 % mill-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Pajjiżi l-Baxxi.
26. Fid-dawl tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tar-rijallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
27. L-ammont propost tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jħalli iktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali allokati għall-EGF disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
28. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta' sabiex jiġi mmobilizzat l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel fergħa, miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta ta' mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
29. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament speċifiċi, kif meħtieġ mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors ta' approprjazzjonijiet ta' pagament

30. Fl-istat attwali tal-implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2010 taħt il-linja baġitarja 01.0404 "Il-Programm ta' Qafas

għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – il-Programm ta' intraprenditorija u innovazzjoni” mhux se jkunu użati kompletament din is-sena.

31. Filfatt, din il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Jeżisti xi dewmien ta' żmien bejn trasferimenti fil-kontijiet fiduċjarji ġestiti mill-Fond Ewropew għall-Investment u ħruġ lill-benefiċjarji. Il-kriżi finanzjarja għandha effett maġġuri fuq il-previżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħruġ ta' flus għall-2010. Bħala riżultat, sabiex jiġu evitati bilanċji eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-approprijazzjonijiet tal-pagament ġiet riveduta, u ġie kkunsidrat l-ħruġ ta' flus mistenni. L-ammont ta' EUR 1 809 434 jista' għalhekk isir disponibbli biex jiġi trasferit.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/011 NL/NXP Semikondutturi mill-Pajjiżi l-Baxxi)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁷, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁹,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiem li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali madwar id-dinja dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-rijintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-għan tal-EGF twessa għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Pajjiżi l-Baxxi bagħtu applikazzjoni biex jimmobilizzaw l-EGF, fir-rigward tal-ġhoti ta' sensji fl-intrapriża NXP Semiconductors Netherlands BV fis-26 ta' Marzu 2010 u ssupplimentawha b'taġġir addizzjonali sat-3 ta' Ġunju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet

⁷ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁸ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁹ ĠU C [...], [...], p. [...].

finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 809 434.

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni imressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) se jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 809 434 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President